**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Ġimgħa 18 t'Ottubru 2019

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 5

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 5 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 24 t'Ottubru 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
05.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
05.5 Rapporti;
05.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
05.7 Aġġudikazzjoni tat-Tender dwar Miżura 4.4 – Reconstruction of Rubble Walls in Qrendi (EAFRD) – QLC – DRRW 49/19;
05.8 Aġġornament dwar il-format ta' kif jingħata Ġieħ il-Qrendi;
05.9 Attivitajiet Kulturali matul il-ġimgħat li ġejjin;
05.10 Il-mixgħela tad-dawl għall-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena;
05.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
05.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-5 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis 24 t'Ottubru 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

05.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

05.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

05.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

05.2.1 Il-Minuti tar-4 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

05.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

05.2.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar l-ingaġġ ta' persuni klerikali.

05.2.3.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li bagħtna korrispondenza lill-Community Workers Scheme biex niċċekkjaw jekk għandhomx persuni klerikali reġistrati magħhom li jistgħu jaħdmu magħna, imma s'issa għadna qed nistennew risposta.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 05.3, 05.4 u 05.5 jiġu diskussi wara Minuta 05.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

05.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

05.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-ġebel tal-pedament li kien sar qabel,

tneħħa kważi kollu mill-kuntrattur Malti li ġie mqabbad mill-kuntrattur Taljan sabiex jieħu ħsieb il-proġett.

05.6.2 Diġa' saret laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill Lokali, il-kuntrattur Malti u rappreżentanza mill-Kunsill Lokali dwar kif ser jipproċedi x-xogħol.

05.6.3 Żied li bħalissa l-kuntrattur qiegħed jistenna sabiex jitneħħa l-materjal kollu li hemm fiż-żona.

## 05.7 AĠĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER DWAR MIŻURA 4.4 – RECONSTRUCTION OF RUBBLE WALLS IN QRENDI (EAFRD) – QLC – DRRW 49/19

05.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara li ġie aġġudikat it-tender, huwa jipproponi li għandna nagħżlu lill-irħas offerent, għaliex l-offerta hija l-aktar waħda viabbli.

05.7.2 Qal li anke skont ir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni jidher li r-rakkomandazzjoni hi li jintgħażel l-irħas offerent li huwa Idea Plan Ltd.

05.7.3 Qal li fid-dokument tat-tender hemm imniżżel li x-xogħol irid isir fi żmien erba' xhur mill-Order to Start Works, u allura ġaladarba jinbeda għandna nassumu li jkun lest sa kmieni s-sena d-dieħla.

05.7.4 Is-Sindku ppropona wkoll li ssir laqgħa bejn il-kuntrattur, il-Perit tal-Kunsill Lokali u rappreżentanti min-naħa tagħna sabiex naraw kif se nipproċedu.

05.7.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 05.8 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FORMAT TA' KIF JINGĦATA ĠIEĦ IL-QRENDI

05.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-laqgħa tal-lum kellha titkompla din id-diskussjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

05.8.2 Qal li fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet attenda għal Ġieħ l-Imqabba fejn is-serata kienet waħda mill-isbaħ u jidher li ż-żewġ lokalitajiet jimxu fuq l-istess prassi meta jiġu biex jagħtu l-Ġieħ.

05.8.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis qablu li l-Kunsill Lokali għandu jkollu 50% tal-vot finali, kif ukoll li tiġi unanimament approvata d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali.

05.8.4 Is-Sindku ppropona li għandna nippruvaw inlaqqgħu Bord tal-Għażla li jkun iffurmat mill-għaqdiet tal-lokal. Ir-rappreżentanti għandhom ikunu kif ġej:

Soċjetà Mużikali Santa Marija
Soċjetà Filarmonika Lourdes
Każin Partit Laburista
Każin Partit Nazzjonalista
Qrendi Boċċi Club
Qrendi Football Club
Qrendi Scout Group
Kunsill Pastorali Parrokjali

05.8.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

05.8.6 Il-Kunsillier Zerafa staqsa jekk hux ser nibqgħu bl-idea li 50% jingħataw mill-Bord tal-Għażla u l-50% jingħataw mill-membri tal-Kunsill Lokali.

05.8.7 Ġie deċiż li ser jitwaqqaf Bord u l-Kunsill Lokali jkun jista' jivvota u jkollu 50% tal-vot.

05.8.8 Il-vot kien wieħed unanimu.

05.8.9 Kien hemm qbil ukoll li Ġieħ il-Qrendi għandu jibqa' jingħata lil pesuna waħda biss kull sena, u min jirbħu darba ma jistax jerġa' jirbħu darb'oħra.

05.8.10 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ma qabilx ma' dan il-fatt għax qal li jekk

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tnejn jiġu viċin xulxin it-tnejn li huma għandhom jieħdu Ġieħ il-Qrendi.

05.8.11 Minħabba f'hekk is-Sindku David Schembri ressaq id-deċiżjoni għall-vot fejn il-Kunsillieri Marion Parnis, Charles Zerafa u Daniel Farrugia qablu li għandu jingħata lil persuna waħda biss filwaqt li l-Viċi Sindku Patrick Bugeja vvota kontra.

05.8.12 Il-vot għadda bi tliet voti kontra wieħed.

## 05.9 ATTIVITAJIET KULTURALI MATUL IL-ĠIMGĦAT LI ĠEJJIN

05.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li r-Reġjun tan-Nofsinhar ser ikun qiegħed jgħaddi €2,500 lill-Kunsill Lokali għal attività jew attivitajiet kulturali li jridu jsiru sal-aħħar ta' din is-sena.

05.9.2 Qal li s-soċjetajiet mużikali ta' raħalna ser jingħataw €1,000 kull wieħed sabiex itellgħu attività kulturali huma, filwaqt li l-€500 l-oħra ser jingħataw lill-Parroċċa minħabba attività kulturali li ser tiġi organizzata mill-Kunsill Lokali matul Diċembru 2019.

05.9.3 Is-Sindku qal li dwar l-attività tal-Kunsill Lokali kellu laqgħa sabiex isir Organ & Oboe Recital fil-Qrendi u huwa mistenni jsir fl-1 ta' Diċembru 2019.

05.9.4 Qal li dan ir-recital ser isir fil-Knisja Parrokjali permezz t'orgni u oboe u l-Amministratur tal-Parroċċa Dun Mario Said diġa' aċċetta li jsir dan ir-recital.

05.9.5 Żied li hemm spejjeż li jridu jitħallsu mill-Kunsill Lokali u dawn jammontaw għal 40% tal-ammont globali li ser ikun ta' €2,900. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali jrid joħroġ is-somma ta' €1,160.

05.9.6 Ġie miftiehem mal-organizzaturi li r-residenti Qrendin jidħlu b'xejn għal dan ir-Recital jekk jipproduċu l-karta tal-identità mal-bieb tal-Knisja Parrokkjali.

05.9.7 Barra minn hekk, jidher li r-Reġjun tan-Nofsinhar huwa interessat ukoll

f'din l-attività u jidher li ser jisponsorjaw is-sehem li jrid joħroġ il-Kunsill Lokali.

05.9.8 Is-Sindku qal li l-interess tar-Reġjun tan-Nofsinhar hu li jekk kemm-il darba jisponsorjaw din l-attività nagħtuhom il-viżibiltà neċessarja.

## 05.10 IL-MIXGĦELA TAD-DAWL GĦALL-FESTI TAL-MILIED U L-EWWEL TAS-SENA

05.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li r-Reġjun tan-Nofsinhar ser jagħtina €1,000 għad-dwal fi żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

05.10.2 Qal li s'issa jidher li din hija għotja ta' darba, imma rridu naraw kif 'il quddiem ser nipproċedu dwar dan.

05.10.3 Is-Sindku ppropona li apparti Triq Ġużé Cassar jibda jintrama l-Ġnien tal-Warda.

05.10.4 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ppropona li jekk huwa possibbli l-armar miż-żewġ soċjetajiet jibqa' jsir kull sena u mhux ta' darba biss.

05.10.5 Ġie deċiż li l-armar tal-Ġnien tal-Warda wkoll ser isir żgur fuq bażi ta' sentejn ħalli jintrama miż-żewġ soċjetajiet.

## 05.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

05.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-kirja li għandu l-Kunsill Lokali fil-lok numru 60, Triq il-Kbira, il-Qrendi.

05.3.1.1 Qal li meta matul il-ġurnata tal-Erbgħa 24 t'Ottubru 2019 kienet qiegħda tingħata t-tilqima kontra l-influwenza fl-istess lok, qarib tal-inkwilin kien jidher evidentament eċitat għax donnu kien tal-fehma li sempliċiment il-Kunsill Lokali ried jitlaq mil-lok għall-ebda raġuni.

05.3.1.2 Spjega kif il-Kunsill Lokali ma setax jaċċetta r-rikjesta li l-kirja tal-lok numru 60, Triq il-Kbira tiżdied u dan minħabba li l-prezz mitlub issa

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

kien id-doppju ta' li kien s'issa. Dan ifisser li minn €3,650 it-talba telgħet għal ftit aktar minn €7,000 bil-VAT inkluża.

05.3.1.3 Barra minn hekk, is-Sindku żied li ma nistgħux naċċettaw kirja ta' aktar minn €7,000 meta sal-lum din kienet ta' €3,650. Qal li bħala Gvern Lokali rridu minn tal-inqas tliet kwotazzjonijiet u xorta waħda ma nistgħux naqbżu l-€5,000 fis-sena jekk immorru b'direct order, inkella rridu noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet permezz tal-ePPS.

05.3.1.4 Għamilha ċara li ġaladarba niċċaqilqu, irridu nċaqalqu anke l-klassi tal-Lifelong Learning, imma fuq hekk tkellimna mal-Amministratur tal-Parroċċa Dun Mario Said li huwa lest li joffri ċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

05.3.1.5 Is-Sindku rrimarka li jekk kemm-il darba se tingħadda xi informazzjoni dwar dan il-każ barra l-laqgħa tal-Kunsill Lokali, importanti li tingħadda korretta għax fl-aħħar mill-aħħar dawn huma deċiżjonijiet li qiegħed jeħodhom il-Kunsill Lokali.

05.3.1.6 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li rridu noqgħodu attenti wkoll mill-informazzjoni li tiġi minn barra l-Kunsill Lokali, għaliex mhuwiex sew li jkun hemm min jgħid li Kunsillier daħal mal-inkwilin bħal donnu minn wara d-dahar il-Kunsill Lokali meta ma jkunx minnu.

05.3.2 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara ta' tmien bloggers li kienu mistednin mill-Ministeru għat-Turiżmu sabiex jiktbu artikli dwar Malta, u b'mod speċjali dwar il-postijiet li rebħu l-unur EDEN.

05.3.2.1 Qal li fosthom kien hemm il-Qrendi u hu ħa ħsieb li jdawwarhom kemm jista' sabiex jiktbu artikli interessanti li ser ikunu mferrxa madwar l-Ewropa.

05.3.3 Is-Sindku tkellem dwar is-serata tal-unuri tal-GreenPAK u qal li din is-sena ma konniex mar-rebbieħa.

05.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-€100,000 li l-Kunsill Lokali akkwista minħabba s-solar farm li ser issir eżatt mal-konfini tal-Qrendi, fiż-żona ta' Misraħ is-Sinjura.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

05.3.4.1 Qal li dawn il-flus iridu jintefqu fuq il-wirt kulturali u l-ambjent, u allura ppropona li ġaladarba jkun lest il-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ taħt Miżura 4.4 nibdew naħsbu sabiex insebbħu Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Hniena.

05.3.5 Is-Sindku tkellem dwar tmiem il-ġimgħa li għaddiet u qal li konna viżibbli ħafna bħala lokalità u Kunsill Lokali għax dehrna fuq diversi programmi televiżivi fuq stazzjonijiet differenti.

05.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-kampanja mill-WasteServ tal-ġbir tal-iskart mill-irħula permezz tal-inizjattiva kerbside collection.

05.3.6.1 Qal li hu għadu xettiku dwar jekk taħdimx din il-kampanja għaliex il-ġbir ser isir biss ġurnata waħda fix-xahar, u t-trakk ser jibqa' biss f'post wieħed u allura r-residenti jridu jitilqu minn djarhom sabiex ikunu jistgħu jużaw is-servizz.

05.3.7 Is-Sindku tkellem dwar attività ta' Team Building li organizzat l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn ħadu sehem il-Kunsillier Daniel Farrugia, is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon flimkien miegħu.

05.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali fil-Premju Anzjanità Attiva.

05.3.8.1 Qal li din il-parteċipazzjoni kienet grazzi għall-Kunsilliera Marion Parnis fejn ġiet nominata s-Sa Maria Magro.

05.3.9 Is-Sindku tkellem dwar Misraħ il-Maqluba u qal li saru tabelli li jindikaw is-siġar li wieħed isib f'dan il-Misraħ u dawn kienu sponsorjati minn Ambjent Malta.

05.3.10 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li l-Kunsill Lokali għamel ma' Dr Colin Layfield minħabba l-kiosk t'informazzjoni li għandna fil-pjazza prinċipali imma dwar dan ser jitkellem aktar fid-dettall il-Kunsillier Charles Zerafa fil-Minuta "Rapporti".

05.3.11 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni tal-attivitajiet kulturali maħruġa mil-LESA u mill-AKL.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

05.3.11.1 Qal li għadna rridu naraw kif ser nużaw dawn il-fondi biex forsi l-ewwel nett jinbidlu t-tabelli t'informazzjoni li għandna mal-kappelli, u/jew isir ktejjeb żgħir t'informazzjoni bl-Ingliż li fih jinkludi heritage trail tal-Qrendi.

05.3.12 Is-Sindku tkellem dwar il-Valletta Film Festival u qal li dawn għamlu Open Cinema f'Wied iż-Żurrieq u kienet ta' suċċess kbir.

05.3.13 Is-Sindku tkellem dwar in-networking ma' pajjiżi barranin, fejn hemm involuti Kunsilli Lokali Spanjoli u Taljani fost l-oħrajn.

05.3.13.1 Qal li bħala Kunsill Lokali konna applikajna flimkien mal-Ewro-xettiċi u fl-aħħar ġimgħat sirna nafu li l-proġett kien aċċettat.

05.3.13.2 Żied li bejn it-12 u l-15 ta' Novembru, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon, ser imur Spanja sabiex jiġi ffirmat dan in-networking u l-proġett inġenerali.

05.3.13.3 Spjega kif hu jixtieq li għal kull safra li ser ikun hemm minħabba dan il-proġett, miegħu jitla' membru tal-Kunsill Lokali.

## 05.4 <u>**TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**</u>

05.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar l-applikazzjoni tal-isleeping policeman fi Triq Ġużeppi Muscat.

05.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li għadna qegħdin nistennew risposta mingħand Transport Malta.

05.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar it-toqba tad-drenaġġ li kien hemm fi Triq Ġużeppi Muscat.

05.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li ġew rappreżentanti mis-Sanità u dawn kellmu lir-resident inkwistjoni, fejn sewwa x-xogħol mill-inspection box tiegħu u m'għadux ħiereġ ilma.

05.4.3 Il-Viċi Sindku tkellem dwar iż-żbir tas-siġar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

05.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li bħalissa għad għandna kuntratt mal-ELC, imma minħabba l-kwistjoni li għandhom mal-Gvern, kulma qed jieħdu ħsieb hija r-roundabout inti u dieħel il-Qrendi.

05.4.3.2 Qal li ż-żbir tas-siġar isir meta jkun jista' jsir mill-Kunsill Lokali.

05.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar Triq Ġużé Cassar u staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar l-immanniġjar tat-traffiku.

05.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li s'issa għadna ma tkellimniex dwar hekk.

05.4.5 Il-Kunsilliera Parnis tkellmet dwar il-Berġa tal-lokal u qalet li donnu n-nies hemm barra huma mħawda dwar is-servizzi li jingħataw mill-Berġa.

05.4.5.1 Is-Sindku wieġeb li l-Berġa tinfetaħ tliet darbiet fil-ġimgħa, u jkun hawn tabib li jagħmillek riferenza għall-isptar jew xi mkien ieħor fejn ikollok bżonn.

05.4.5.2 Qal li l-ħsieb tal-Kunsill Lokali dejjem kien li ġaladarba jkollna l-Berġa l-ġdida, inkunu nistgħu nżidu s-servizzi.

05.4.6 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar il-karozzi bla liċenzji li qegħdin ikunu pparkjati fi Triq il-Warda.

05.4.6.1 Is-Sindku wieġeb li l-ilment tressaq quddiem il-pulizija u għadna qegħdin nistennew l-eżitu mingħandhom.

05.4.7 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar Triq Antonio Chircop u ż-zebra crossing li kien hemm maġenb il-Monument għall-Ħajja u ż-Żgħożija.

05.4.7.1 Is-Sindku wieġeb li x-xogħol fuq Triq it-Tempesta jidher li waqaf, u forsi stennejna wisq u ta' min nibdew nagħmlu s-sinjali.

05.4.7.2 Qal li għadna qed nistennew lill-Koperattiva tat-Tabelli u s-Sinjali sabiex jiġu jagħmlu s-sinjali fl-art.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

05.5 **RAPPORTI**

05.5.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja tkellem dwar attività soċjali li ser issir nhar it-30 t'Ottubru 2019.

05.5.1.1 Qal ukoll li fil-21 ta' Diċembru ser isir buffet lunch f'waħda mil-lukandi ewlenin f'pajjiżna.

05.5.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar il-korsijiet tal-First Aid u l-Food Handling.

05.5.2.1 Qalet li hemm tliet dati li fihom ser isiru l-korsijiet, u issa rridu nagħmlu l-promozzjoni meħtieġa sabiex in-nies jattendu.

05.5.2.2 Qalet li ser niċċekkjaw kemm ser ikollna parteċipanti sabiex inmexxu b'dawn il-korsijiet.

05.5.2.3 Ser tintalab €5 għar-reġistrazzjoni ta' kull kors u ser jingħata ċertifikat.

05.5.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar il-laqgħa li saret ma' Dr Colin Layfield.

05.5.3.1 Qal li l-totem kiosk li hemm fil-pjazza tista' tintuża għal ħafn'affarijiet u l-informazzjoni li hemm fuqha tista' tiġi aġġornata ħafn'aktar.

05.5.3.2 Ippropona li nibagħtu ittra lis-soċjetajiet u għaqdiet sabiex ninfurmawhom li jistgħu jibdew jibagħtulna l-posters u ntellgħuhom fuq it-totem kiosk, imma dawn iridu jintbagħtu s'erba' ġimgħat qabel l-attività.

05.5.3.3 Jidher li t-totem kiosk fiha camera u s-suġġeriment kien li din tibda tintuża biex tipproġetta dak li jkun qiegħed iseħħ fil-pjazza.

05.5.3.4 Barra minn hekk, kellna wkoll suġġeriment li l-informazzjoni li hemm fuqha tkun b'diversi lingwi, imma din tkun ftit diffiċli u allura għandna

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

nibqgħu bil-Malti u bl-Ingliż.

05.5.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li l-websajt tal-Kunsill Lokali ġiet aġġornata, kemm bir-ritratti u r-responsabilitajiet tal-Kunsillieri kollha wara l-elezzjonijiet ta' Mejju ta' din is-sena.

05.5.4.1 Qal li hemm ukoll il-ħsieb li l-websajt tiġi aġġornata u rinovata fix-xhur li ġejjin.

05.5.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar il-Premju Anzjanità Attiva li għalih kienet nominata s-Sa Maria Magro mill-Qrendi.

## 05.11 <u>**KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**</u>

05.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €26,344.50 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 09/19 u €152.35 skont il-*Petty Cash* Ref W/10.

05.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

05.11.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

05.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 05.12 <u>**TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**</u>

05.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 21 ta' Novembru fil-5:30pm.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| ______________________ | ___________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |